***ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.***

**Avviz Nru: 1535/00**

**Dingli Company International Lmited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**De Tigne` Limited**

***Illum 27 ta' Lulju 2001,***

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlett centezmi (Lm349.03) liema ammont huwa maghmul in kwantu ghal tlett mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm303.50) dovut bil-quddiem bhala *Royalty* u hamsa u erbghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm 45.53) rapresentanti bhala *Taxxa Fuq il-Valur Mizjud* dovut bil-quddiem inkonessjoni ta' Licenzja Nru. 010880/Gunju (Dok A) rilaxxjati mis-Socjeta attrici a favur is-socjeta konvenuta rigwardanti l-istabbiliment De Tigne`, Tigne` Sea Front, Sliema SLM 15 ghal licenzja Nru. 010880 minn Gunju 2000 sa Gunju 2001.

Is-Socjeta attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-31 t'Awissu 2000 kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' tlett mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlett centezmi (Lm349.03) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz bl-imghaxijiet legali dovuti b'effett mis-7 ta' Novembru tas-sena 2000 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

……………………………………….
Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg